**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 08/10 | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 13/05/2010 fis-7.15pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Assenti minħabba mard |
| | | Darmanin Richard | Preżenti |
| | | Fenech Stephanie | Assenti |
| | | Hales Joseph | Assenti minħabba mard |
| | | Pace Darrell | Preżenti |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

Qabel il-laqgħa is-Sur Joe Baldacchino offra bħala donazzjoni pittura bil-friefet sabiex titwaħħal fis-Sala Gużeppi Caruana flimkien mal-kumplament tal-kollezzjoni. Din il-pittura hija bbażata fuq water colours u acrylics. Is-Sur Baldacchino ta kopja lil kull kunsilliera tal-ktieb tiegħu 'It-Traġedja tas-Simshar'. Il-Viċi-Sindku ħabbret li fŻ'ejt iż-Żejtun 2010 ser tittella' eżibizzjoni ta' pittura mis-Sur Joe Baldacchino.

**08. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 1. 1 | | Proponent: Seychell<br>Sekondant: Darmanin | **Il-Minuti 07/10 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | 07.1.2 | Minflok il-kelma 'Sindku', tidħol il-kelma 'Viċi-Sindku'. Dan jgħodd ukoll għall-għeluq tal-laqgħa. | | |
| | 07.7.1 | Ir-riċeviment mal-President ta' Malta kellu jsir nhar il-Ħadd 16 ta' Mejju u mhux fil-15 ta' Mejju. | | |
| | 07.9.17 | Minflok il-kelma 'rampa' tidħol il-kelma 'bankina'. | | |
| 08. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**08. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 1 | 07.2.1 | Sindku: Siġra fejn jarma l-Monti | Is-Sindku inkariga lil Hales sabiex isiru x-xogħlijiet possibli fuq l-għeruq ta' siġra li qed ittella' t-tarmak fil-pjazza ta' fejn jarma s-Suq faċċata tal-ħanut Flashpoint. | Hales |
| 08. 2. 2 | 07.2.2 | Segretarjat: Impjegata part-time | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-istedina tas-Sinjura RoseMarie Cassar waqt il-laqgħa tal-Kunsill ġiet posposta għal laqgħa oħra. | Segretarjat |
| 08. 2. 3 | 07.2.3 | Viċi-Sindku: Ċitazzjonijiet dwar l-iskart | Rigward is-diskussjoni li saret waqt il-laqgħa tal-Kunsill dwar l-għoti ta' ċitazzjonijiet minħabba rimi ta' skart, il-Viċi-Sindku iċċekkjat mas-Sur Joe Borg ta' Sterling Security u dan ikkonferma li min joħroġ l-iskart mhux waqt il-ħinijiet tal-ġbir dan jista' jiġi imħarrek. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2. | 4 | 07.2.5 | Segretarjat: Cameras Ġnien San Girgor | Is-Segretarjat irraporta fhiex wasal il-proċess tal-cameras fi Ġnien San Girgor. **Il-Kunsill qabel li sabiex il-cameras jibdew jiffunzjonaw ikun aħjar li jinġib servizz ta' adsl mingħand kumpanija privata u mhux tal-MITA.** Is-Segretarjat ħa ħsieb ukoll iġib prezzijiet għal 2 dome cameras (€3,500) + 2 modems + 2 internet connections (€4,000), filwaqt li sistema li tirrekordja fuq dvr u bdil ta' cameras fl-uffiċini tiġi tiswa madwar €5,000. Aktar tard ser tinħareġ call for quotations peress li dawn huma prezzijiet mingħand kuntrattur wieħed biss. | Segretarjat |
| 08. | 2. | 5 | 07.2.6 | Sindku: Skip - Skola Primarja A | Is-Segretarjat spjega li l-kuntrattur ġie avviċinat u dan allega li l-handyman ta' l-iskola kien tefa' xi ġebel ġewwa l-iskip u meta l-kollettur affronta lill handyman ta' l-iskola, dan qallu li l-iskip seta' jeħodha. Il-Kap ta' l-Iskola ma kienx jaf x'ġara. Is-Sindku staqsa jekk hux qed jinħareġ skart riċiklabbli nhar ta' Tlieta mill-iskejjel. | Sindku |
| 08. | 2. | 6 | 07.2.7 | Sindku: Bus Shelters - Tal Barrani | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bus shelters fi Triq Tal Barrani diġa' bdew jeħlu mit-TM. | |
| 08. | 2. | 7 | 07.2.15 | Sindku: Crash Barriers | **Il-Kunsill qabel li għandha issir lista fejn saru talbet għal crash barriers.** | Sindku |
| 08. | 2. | 8 | 07.2.17 | Sindku: Laqgħa ma' uffiċċjali ta' CSD | Is-Sindku irraporta l-laqgħa li saret mar-rappreżentanti tal-Cleansing Services Dept. Ġie deċiż li l-Kunsill taż-Żejtun ser jingħata replacement ta' kennies u latrine attendant li bħalissa huma neqsin. | Sindku<br>Hales |
| 08. | 2. | 9 | 07.2.23 | Sindku: Preżentazzjoni ta' Biros | **Kien hemm qbil unanimu li l-attivita' ta' tqassim ta' biros lill-istudenti ta' skola Primarja B issir nhar il-21 ta' Mejju 2010.** | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 08. | 2. | 10 | 07.2.27 | Seychell: Laqgħa MTA | Seychell staqsa jekk saritx il-laqgħa mas-Sur Kevin Drake ta' l-MTA dwar l-uffiċċju turistiku ġewwa ż-Żejtun. Is-Sindku spjega li l-laqgħa ma saritx peress lis-Sur Drake ta' l-MTA ħareġ on long leave. Min-naħa tagħha l-MTA qalet li n-Nature Trust hija interessata f'heritage route minn M'Scala għal San Niklaw għal M'Xlokk. Għaldaqstant intalbet laqgħa ma' rappreżentanti ta' Nature Trust. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 08. | 2. | 11 | 07.3.8 | Seychell: Lejla Poeżija - Ġunju 2010 | Seychell informa lill-Kunsill li peress li l-festa tħassret, il-lejla poeżija li ssir qabel il-festa ser titħassar. Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivita' 'Il-Festa Maghna' ġiet posposta wkoll peress li ż-Żejtun jinsab f'luttu. | Seychell |
| 08. | 2. | 12 | 07.3.9 | Segretarjat: Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali | Is-Segretarjat irraporta lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali aċċetta l-estensjoni ta' 3 xhur oħra għall-prezz ta' €30 kull jum. | Segretarjat |
| 08. | 2. | 13 | 07.3.10 | Viċi-Sindku: Prize Day Skola Primarja B | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li l-Prize Day ta' Skola Primarja B kienet ta' livell għoli ħafna fejn fiha ġiet preżentata play tajba ħafna. Seychell qal li din il-play ittellghet mill-istess tfal f'San Vinċenz. | Camilleri |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 2. 14 | 07.3.12 | Segretarjat: Permess tal-Mepa għat-tkabbir tas-Suq | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li għadu qed jistenna l-permess tal-Mepa għat-tkabbir tas-Suq. Sadanittant intbagħtet korrispondenza lir-residenti ta' Misraħ Indipendenza dwar il-pjanijiet li għandu l-Kunsill għall-istess Misraħ. | Sindku Pace |
| 08. 2. 15 | 07.3.14 | Segretarjat: Xogħol fil-Komunita' - ETC | Is-Segretarjat irraporta li bħalissa għandna persuna manwali mibgħuta mill-ETC li taqa' taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunita'. Ieħor ma tfaċċax u qed nitolbu replacement. | Sindku |
| 08. 2. 16 | 07.47.2.i. 65 | Segretarjat: Kont Nexos Lighting Technology | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-kont ta' Nexos Lighting Technology ġie ippreżentat bid-data sa l-aħħar ta' Jannar kif suppost u għaldaqstant il-kont tħallas. | Segretarjat |
| 08. 2. 17 | 07.5.1 | Viċi-Sindku: Recycling bins Ġnien Breġġu | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill bil-problema ta' riħa ta' ilma qiegħed fir-recycling bins ta' Ġnien Brejġu. Is-Sindku talab niktbu lid-Dipartiment konċernat. | Sindku |
| 08. 2. 18 | 07.9.2 | Sindku: Ilqugħ fi Ġnien iż-Żgħożija | Is-Sindku informa lill-Kunsill li beda x-xogħol fuq ilqugħ sabiex jitneħħa l-periklu fi Ġnien iż-Żgħożija. Darmanin issuġerixxa sabiex isir ilqugħ ukoll biex il-blalen tat-tfal ma jibqgħux jaqgħu fil-ġibjun. | Sindku |
| 08. 2. 19 | 07.9.5 | Pace: Inkonvenjent minn xogħlijiet ta' skavar | Pace irraporta li x-xogħlijiet ta' skavar fi Triq il-Labour mhux qed jibdew qabel is-6.30am. | |
| 08. 2. 20 | 07.9.6 | Viċi-Sindku: Premju inkonnessjoni mal-librerija | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tintbagħat ittra ta' awguri lill-istudenta Janesia Spiteri għall-premju li rċeviet bħala l-aktar persuna li tiffrekwenta l-librerija. | Segretarjat |
| 08. 2. 21 | 07.9.10 | Viċi-Sindku: Boroz tar-Reċiklaġġ | Il-Viċi-Sindku spjegat li bħalissa qed jerġgħu jitqassmu l-boroz il-ħodor għal skart reċiklabbli. It-tqasim ser ikollu jieqaf sakemm il-Greenpak tidħlilhom il-kunsinna ta' boroz li mistennija li tasal fl-aħħar ta' Mejju. | Viċi-Sindku |
| 08. 2. 22 | 07.9.12 | Wille Piscopo: Sleeping Policemen | Wille Piscopo talbet li s-sleeping policemen isiru f'kull triq li hemm talba għalihom speċjalment fi Triq Santa Katarina u Triq Luqa Briffa. Is-Sindku spjega li s-sleeping policemen li saru, saru f'kantunieri jew triqat dojoq bi traffiku qawwi ħafna e.g Triq Luqa Briffa u Triq Villa Cagliares. | Darmanin |
| 08. 2. 23 | 07.9.13 | Seychell: Pajpijiet f'Misraħ Diċembru XIII | Seychell irringrazzja lill-Viċi-Sindku peress li l-pajpijiet li kienu qed ikunu ta' periklu għall-pedestrians f'Misraħ Diċembru XIII, tneħħew. Il-Viċi-Sindku qalet li dawn tpoġġew fl-istore tal-Kunsill. | |
| 08. 2. 24 | 07.9.16 | Viċi-Sindku: Attivita' Jum l-Omm | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ż-żjara lill-anzjani bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum l-Omm ser issir fil-25 ta' Mejju. | Viċi-Sindku |

**08. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 3. 1 | 01 | MEPA: PA946/10 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dawn is-siti jinsabu fil-village core u għalhekk għandu jinżamm it-texture u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 3. 2 | 02 | MEPA:PA1409/09 | **Dwar it-talba għal ħanut Class 4 fi Triq Villa Cagliares, il-Kunsill qabel li f'din it-triq mhemmx lok għal ħwienet peress li mhemmx fejn issir loading/unloading bay u hija triq dejqa bi problemi tat-traffiku.** | Sindku |
| 08. 3. 3 | 20 | Alfred Tabone: Statwa ta' Girgor Bonici | **Il-Kunsill qabel li t-twaħħil ta' monument ta' Girgor Bonici f'Misraħ ir-Repubblika isir ladarba s-Sur Alfred Tabone jsib il-fondi għal dan il-monument.** | |
| 08. 3. 4 | 23 | Stefan Tanti: National Household Travel Survey | **Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li issir sezzjoni ta' informazzjoni dwar in-National Household Travel Survey nhar it-Tlieta 25 a' Mejju bejn is-6 u 7 pm fis-Sala tal-Kunsill.** | |
| 08. 3. 5 | 29 | TCTC: Etfal Agreement | **Il-Kunsill qabel li għandu jimxi fuq l-iskema tas-sena l-oħra u mhux iħallas is-somma ta' €1,100 għal 125 parteċipant. Dan fid-dawl li ma jkunx hemm daqshekk numru ta' parteċipanti.** | Camilleri |

| **08. 4.** | | **Ħlasijiet** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 08. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 08/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 08. 4. 2 i | | Preżentazzjoni - Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena finanzjarja Jannar-Marzu 2010 | Il-Kunsill ġie ippreżentat bir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena. Id-dħul totali fl-ewwel kwart kien ta' €279,000 filwaqt li ingħata rendikont ta' l-ispiża globali tal-Kunsill inkluża l-ispiża kapitali fuq Ġnien Brejġu (€76,350) u t-toroq li saru bit-tarmak: Triq Vittmi tal-Gwerra, Dun Gwann Tabone u Anġlu Grima (€168,000). Inġibdet l-attenzjoni dwar it-tipping fees peress li dawn qed ikunu iktar minn mill-allokazzjoni li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Pace ikkumenta li skond avviż legali li ħareġ reċentement it-tariffa tal-landill raħset bi 30%. **Il-Kunsill approva dan ir-rapport u għaldaqstant is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw ir-rapport finanzjarju.** | |
| 08. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 08/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** Peress li l-festa tħassret, ġie nnutat li l-ordni għall-avviżi fil-fuljetti tal-festa ġew kkanċellati. | Segretarjat |

| **08. 5.** | | **Skema Żvilupp Sostenibbli** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. 5. 1 | | Sindku | Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun hu wieħed mill-Kunsilli li ntagħżlu għall-finanzjament ta' pjan għal-lokal sostenibbli. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-preżentazzjoni ta' l-iskema ta' finanzjament nhar l-24 ta' Mejju fis-1pm f'San Niklaw Estates. | |

**08. 6.** **Żjara tal-President**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 6. 1 | | Sindku | Bħalma diġa' kien magħruf iż-żjara tal-President ta' Malta ġewwa ż-Żejtun tħassret minħabba l-inċident li kellu l-istess President. Darmanin talab sabiex tintbagħat ittra ta' fejqan lill-President. Is-Segretarjat ikkonferma li din l-ittra diġa' intbagħtet. Min-naħa tal-uffiċċju tal-President s'issa il-Kunsill ingħata data li għadha mhux konfermata u uffiċjali għal nhar it-22 u 27 ta' Ġunju. | Sindku |
| 08. 6. 2 | | Sindku | Is-Sindku irraporta l-laqgħa li saret minħabba t-tħassir tal-festa. Kien hemm suġġeriment li l-flus tar-reklami li l-ħwienet jagħtu għall-fuljetti tal-festa jinġabru għall-Community Chest Fund liema flus ikunu ippreżentati lill-President ta' Malta George Abela waqt iż-żjara tiegħu ġewwa ż-Żejtun. | Sindku |

**08. 7.** **Offerta tad-Dipartiment għal Manutenzjoni tat-Toroq**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 7. 1 | | Sindku | Is-Sindku informa lill-Kunsill kif ser taħdem is-sistema ta' Public Private Partnership. Il-ħlas isir kif gej 40% fl-ewwel sena, 20% is-sena ta' wara, u 10% fis-sena għal erba' snin. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ingħata il-prezzijiet li jaħdem bihom il-Kunsill. F'din il-proposta il-Gvern Ċentrali ser iżid l-allokazzjoni finanzjara għal manutenzjoni ta' toroq b'50% liema allokazzjoni tista' tintuża biss sabiex isiru toroq bit-tarmak. Il-Kunsill issottometta progett ta' nofs miljun ewro bit-toroq li ġejjin: Triq Lvant, Helsien, Vjal 25 ta' Novembru, Palazzi, Misraħ Indipendenza, Triq Gius Caruana, Bisqallin, Santa Katarina, Taltas, Marsaxlokk, Misraħ Kanonku de Domenico, Misraħ Mikiel Anton Vassalli u kien hemm qbil biex tiddaħħal ukoll Triq it-Tagħlim. Ser isir kuntatt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex isiru xogħlijiet fuq il-mains ta' l-ilma fejn hemm bżonn. **Il-Kunsill qabel nem.con li nistennew aktar żviluppi dwar din il-proposta.** | |
| 08. 7. 2 | | | Is-Sindku spjega li toroq bħal Triq Il-Labour, Alfred Cachia Zammit u Triq Bormla għandhom isiru mill-Gvern Ċentrali peress li dawn huma toroq distributorji u l-Kunsill qatt mhu se jkollu flus biżżejjed biex jagħmilhom. | Sindku |

**08. 8.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 08. 8. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | |

**08. 9.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 08. 9. 1 | | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku irraporta x-xogħol li qed isir fi Ġnien Brejġu. Fadal ix-xogħol fuq il-passaġġi, dwal u bankijiet. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 08. 9. 2 | Darmanin: Ċitazzjoni | Darmanin poġġa ċitazzjoni fuq il-mejda tal-Kunsill ta' individwu li kien ipparkajt fid-drive-in tiegħu mingħajr ma' l-karozza kienet qed tostakola l-bankina. Fuq il-mejda tal-Kunsill tpoġġew ukoll ritratti ta' trailers ipparkjati fi Triq il-Fieres. | Sindku |
| 08. 9. 3 | Wille Piscopo: Triq Bisqallin | Wille Piscopo talbet sabiex issir sorveljanza fi Triq Bisqallin minħabba t-tfiegħ ta' skart f'din it-triq. Fuq talba tar-residenti talbet sabiex isiru l-parking bays f'din it-triq. | Sindku |
| 08. 9. 4 | Pace: Triq Xatbet l-Andar | Pace ressaq quddiem il-Kunsill talba għal double yellow lines quddiem garaxx ta' residenza nru 7 fi Triq Xatbet l-Andar peress li ir-resident qed isib l-aċċess tal-garaxx magħluq. | Darmanin |
| 08. 9. 5 | Seychell: Sinjali tat-Traffiku | Seychell ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-bżonn ta' sinjal ta' traffiku li juri li s-sewwieq jista' jikser lejn il-lemin biss minn Triq il-Qalb ta' Gesu' int u ġej minn Triq Kanonku de Domenico. | Darmanin |
| 08. 9. 6 | Wille Piscopo: Sinjal tat-Traffiku | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar no entry sign imdawwra ħdejn il-Kindergarten. | Darmanin |
| 08. 9. 7 | Seychell: Sinjal ta' zebra cross | Seychell reġa' fakkar dwar sinjal ta' zebra cross nieqes fi Triq San Girgor. | Darmanin |
| 08. 9. 8 | Seychell: Boroz bis-siringi | Seychell staqsa x'inhi l-proċedura għal ġbir ta' boroz bis-siringi mill-pulizija. | Darmanin |
| 08. 9. 9 | Seychell: Attivita' ta' l-Imnarja | Seychell informa lill-Kunsill li minħabba t-Tazza d-Dinja l-attivita' ta' l-Imnarja tħassret. | Seychell |
| 08. 9. 10 | Viċi-Sindku: Sleeping Policeman fi Triq Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar sleeping policeman fi Triq il-Madonna tal-Ħniena li s-sewwieqa biex jiskapulawha qed jgħaddu mal-ġenb tat-triq. | Darmanin |
| 08. 9. 11 | Viċi-Sindku: Leaflet tal-Korsijiet/Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku staqsiet fhiex wasal il-leaflet għall-korsijiet/attivitajiet tas-Sajf. Is-Segretarjat wieġeb li bħalissa qed isir draft tal-leaflet mill-materjal li taw il-Kunsilliera. Il-Viċi-Sindku talbet ukoll sabiex issir time-table tal-korsijiet li ser isiru. | Viċi-Sindku<br>Camilleri<br>Seycell<br>Segretarjat |
| 08. 9. 12 | Viċi-Sindku: Triq Sant'Anġlu | Il-Viċi-Sindku staqsiet fhiex waslet l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex Triq Sant'Anġlu tkun magħluqa għat-traffiku waqt id-dħul u l-ħruġ ta' l-iskola. | Darmanin |
| 08. 9. 13 | Sindku: LED Lanterns | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar it-tender tas-sistema tad-dawl LED fejn il-kuntrattur talab lill-Kunsill jikkunsidra l-lampa l-oħra li din twarrbet mill-Kunsill peress li r-rata kienet għolja. Dan biex ikun jista' jagħti garanzija. **Il-Kunsill qabel li jieħu din il-lampa ladarba l-prezz mitlub huwa l-istess tal-lanterna magħżula preċedentement.** | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-9.45pm. Laqgħa oħra ser issir fis-27 ta' Mejju, 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv